**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1155/01**

**Frances Mifsud u zewgha Joseph Mifsud ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Joseph Ellul u martu Emmanuela Ellul ghal kull interess li jista' jkollha**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm668.25 (sitt mija u tmienja u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti l-ammont intitolat lill-atturi minn cheque mahrug mill-Bank Centrali ta' Malta fl-10 ta' Frar 1999, fl-ammont ta' elf tliet mija u sitta u tletin lira Maltin u 50

centezmu (Lm1336.50), liema cheque gie mahrug f'isem l-attrici Frances Mifsud, u l-konvenut Joseph Ellul, u liema cheque gie inkassat mill-konvenut Joseph Ellul wahdu, taht il-pretiza li l-attrici Frances Mifsud, kienet iffirmat, meta dan ma kienx minnu, u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepew:

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi c-cheque in kwistjoni gie nkassat sia mill-konvenut u sia mill-attrici u dana kif jirrizulta mill-istess cheque li huwa ffirmat kemm mill-konvenut kif ukoll mill-attrici stess u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:-

Illi s-soluzzjoni tal-pendenza odjerna tikkoncentra ruhha dwar il-verzjonjiet djagonalment opposti moghtija miz-zewg partijiet. L-attrici tallega li ghalkemm iffirmat ic-cheque tal-bank hija baqghet bla flus. Da parti tieghu, il-konvenut jaghti aktar stampa cara tal-fatti ossia tal-famuz inkontru li kellhom il-Bank. Hu jallega li l-flus ossia sehemhom tal-introjtu spettanti li biex jigu inkassati, dawn gew percepiti. La l-konvenut ha sehemhu allura ta' bilfors l-attrici kellha tiehu sehemha.

Illi l-attrici taghmel allegazzjonijiet ferm serji u ingurjuzi. Ma giex prodott ir-rapprezentant tal-Bank sabiex jillumina lit-Tribunal b'dak li effettivament issucieda f'dik is-seduta hekk misterjurza. Omus probandi incumbit li qui dicit, non li qui negat. Stava a lei ghall-attrici li tipprova dak li qed tallega kontra huha l-konvenut. Il-konvenut ma ghandhux bzonn jipprova xejn – dak hu is-sistema gjuridiku taghna.

It-Tribunal huwa tal-fehma opinjoni li l-attrici ma esplatatx id-dover taghha fil-konfront tal-konvenut. Aktar u aktar meta tallega li ma ffirmat fuq l-ebda cheque – tallega li l-firma hija falza, u ma tiehu l-ebda azzjoni. Il-kawzi ma jigux decizi fuq semplici allegazzjoni!

It-Tribunal, jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**